"Dan Odissews m'hawnx prezzu! Haqqu prosit"
"Kont naf" qal wieħed, "li kien wisq jinqala'
biex jagħmel pjan u nasba fina b'moħħu,
u naf ukoll li jaf il-lanza jxejjer
imma żgur li m'għamlilna qatt pjaċir
akbar minn dan ta' llum, meta ħelisna
mit-tpaċpiċ fieragħ li kien jgħid Thersites!
Għax ma naħsibx li sa jkun wisq imgħaġġel
Dan l-iblah ta' Thersites jitla' jidden
ħalli mill-ġdid imaqdar lil xi Ħakem!"
U bħalu bdew jgħidu l-oħrajn. Għax qablu.

## Wirt Battal

P. Sciberras

mardu l-għeruq tal-wirt miksub
u fil-librerija tal-memorja
il-għatx mingħajr kontroll
ta' ljieli mqajma
nixef
fil-baħħ alluċinati ta' kuljum

lanqas għadu bħal dari jqanqal bl-entużjażmu
il-għarfien nebbiex,
jew il-għajnejn ħalliema
jiffokaw ċinematografija
ta' xbihat surreali

intant,
il-qħab tas-snin
lieħbu mgħaxxa
taħt imwejjed ta' uffiċini bla ħajja
u nefħu sidirhom
bil-libretti tal-bank
u l-mazez tad-dwejjaq.





## Naf Tifel

Naf tifel li tela' mill-baħar.

Naf tifel li farfar tfulitu
Fuq medda ta' ramel.

Naf tifel li x-xatt kien pajjiżu
U l-mewġ kien id-demm jiġri fih.

Naf tifel li reġa' mar lura
Fil-baħar,
Fil-qiegħ.

## Mħabba Sewda

Iktibli fir-ramel li tħobbni
- dil-qalb qed tixxennaq għalik.

Bil-mewġ li jinsilet minn ħdani
Irrid li ngħattik.

Hawn isfel f'dirgħajja tistrieħ,
Hawn isfel fid-dlam ta' ġol-qiegħ.